MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 2144/2000/1

**Sandra Micallef**

**vs**

**Mario Micallef**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 29 ta' Settembru 2000 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attrici, Sandra Micallef u l-konvenut, Mario Micallef, izzewgu fil-21 ta' Lulju 1995 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. "A";

Illi miz-zwieg ta' bejn il-kontendenti twieldet tifla, minuri, Iona;

Illi l-imsemmi konvenut sar hati kontra l-attrici martu, ta' sevizzji, minaccji u ngurji gravi, b'mod li rrenda mpossibbli l-hajja konjugali bejniethom;

Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili;

Illi ghalhekk, l-istess attrici talbet lil din l-Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi, Micallef, minhabba sevizzji, minaccji u ngurji gravi li l-imsemmi konvenut ikkommetta fuq martu;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri f'idejn l-attrici;

3. Tikkundanna lill-konvenut jirritorna lill-attrici ghaliha u ghall-imsemmija, bintha minuri, dik ir-retta alimentarja li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa skond il-bzonnijiet ta' l-attrici u l-mezzi ta' zewgha;

4. Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet u taqsam l-istess komunjoni f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, *occorrendo* billi jigi nominat perit, nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-kontumaci fuq l-istess att;

5. Tikkundanna lill-konvenut jirritorna lill-attrici l-assi parafernali kollha taghha;

**6.** Tapplika kontra l-konvenut, is-sanzjonijiet kontemplati fid-dispozizzjonijiet ta' l-**artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili;**

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 31 ta' Jannar 2001 (a fol. 10) fejn gie eccepit:-

1. Illi fl-ewwel lok, is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghandha tigi pronunzjata, izda mhux abbazi ta' sevizzji, minaccji u ngurji gravi imputabbli lill-eccipjenti, imma minhabba tortijiet imputabbli lill-attrici, *stante* li hi kkommettiet adulterju kif jista` jigi ppruvat fit-trattazzjoni.

2. Illi fit-tieni lok, peress li ghadu ma giex ippruvat il-paternita` ta' l-eccipjenti, u li l-proceduri necessarji qeghdin isiru attwalment biex dan jigi stabbilit, l-eccipjenti jaqbel li ghandu jkollu l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri, Iona, jekk u meta jigi ppruvat li huwa l-missier ta' l-istess minuri. Jekk minn naha l-ohra, jigi ppruvat li l-minuri hija tifla ta' terza persuna, l-eccipjenti jaqbel mat-tieni talba attrici.

3. Illi fit-tielet lok, l-eccipjenti ma jaqbilx li ghandu jhallas manteniment lill-attrici peress li l-istess qeghda tahdem u peress illi s-separazzjoni ghandha tigi pronunzjata ghal ragunijiet imputabbli lill-istess attrici. Fir-rigward tal-manteniment ghat-tifla minuri, Iona, l-eccipjenti jaqbel li dan ghandu jinghata jekk u meta l-paternita` tieghu tigi stabbilita. Fil-fatt, jekk jigi ppruvat li l-eccipjenti m'huwiex il-missier, huwa jaqbel li ebda retta alimentari ghandha tigi mhallsa minnu.

4. Illi fir-raba` lok, l-eccipjenti jaqbel li l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet ghandha tigi likwidata, izda, l-ewwel ghandhom jigu mehuda fil-konsiderazzjonijiet, l-attiv u l-passiv tal-komunjoni ta' l-akkwisti, kif ukoll dawk l-oggetti komuni li jinsabu diga` f'idejn l-attrici u l-hlasijiet li twettqu a favur il-komunjoni ta' l-akkwisti mill-konvenut wahdu u wara r-rimanenti bilanc, l-assi likwidati m'ghandhomx jinqasmu bejn il-kontendenti f'partijiet ugwali *stante* li l-attrici kkommettiet adulterju ma' persuna ohra, kif diga` ntqal.

5. Illi fil-hames lok, l-eccipjenti m'ghandu jirritorna ebda assi parafernali lill-attrici *stante* illi dawn kienu diga` gew irritornati mill-istess eccipjenti.

6. Illi fis-sitt lok, ghar-ragunijiet suesposti, m'ghandhomx japplikaw kontra l-eccipjenti, is-sanzjonijiet kontemplati fid-dispozizzjonijiet ta' l-**artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili**.

7. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess attrici.

8. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol. 12 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 14 sa 19 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo datati 14 ta' Gunju 2001 fejn giet nominata Dr. Veronica Galea Debono bhala Perit Legali; u 20 ta' Novembru 2001;

Rat l-avviz tal-15 ta' April 2002 fejn din il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta datat 15 ta' Ottubru 2002 fejn gie revokat l-inkarigu ta' Dr. Veronica Galea Debono u gie nominat Dr. Marco Ciliberti bhala Perit Legali a spejjez provizzarjament attrici b'ordinijiet specifici kif ghandhom jigu pprezentati l-provi kemm bil-procedura ta' affidavit u kemm permezz ta' seduti quddiem l-istess Perit Legali.

Rat in-nota ta' l-attrici datata 6 ta' Novembru 2002 fejn permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess u volum ta' dokumenti minn Dok. "A" sa Dok. "S" minn fol. 33 sa fol. 69 tal-process.

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 7 ta’ Novembru 2002 fejn permezz taghha pprezentat kopja ta’ ricevuta, mmarkata Dok. “Z”;

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta’ Marzu 2003 fejn il-Perit Legali gie orndat izomm is-seduti hemm indikati a fol. 75 tal-process kemm ghall-provi attrici u kemm ghall-provi tal-konvenut, b’dan li r-rapport kellu jigi pprezentat fl-1 ta’ Ottubru 2003 ghall meta giet differita l-kawza.

Rat in-nota tal-konvenut datata 20 ta’ Mejju 2003 fejn permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess flimkien ma’ volum ikbar ta’ dokumenti minn dawk ipprezentati mill-attrici (minn fol. 82 sa fol. 256); u l-affidavit ta’ Anthony Micallef u dokumenti ohra (a fol. 257 sa fol. 297);

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 25 ta’ Gunju 2003 fejn talbet direzzjoni mill-Qorti rigward il-valutazzjoni tad-dar matrimonjali;

Rat id-digriet tas-26 ta’ Gunju 2003 fejn il-Qorti nnominat lill-Perit Tekniku, Valerio Schembri, sabiex jaghmel stima tad-dar matrimonjali u *garage;*

Rat is-seduti mizmuma mill-Perit Legali (a fol. 310) li n-nomina tieghu saret fil-15 ta’ Ottubru 2002, izda l-ewwel seduta saret fis-6 ta’ Frar 2003 fejn xehdu rapprezentanti ta’ l-HSBC Bank Malta plc, Robert Cutajar ghan-nom tas-socjeta’ Dowty Automotive (Malta) Limited fejn jirrizulta *inter alia* li l-istess konvenut kellu ntrojtu *gross* ta’ sitt elef u disgha u sebghin lira Maltija (Lm6,079), u li nett ghandu erbat elef u disa` mija u sebgha u ghoxrin lira Maltija (Lm4,927).; is-seduta ta’ l-20 ta’ Marzu 2003 fejn ma sar xejn hlief verbal; tad-29 ta’ April 2003 fejn sar biss verbal; tas-6 ta’ Mejju 2003 fejn xehed Paul Gambina ghan-nom tal-Bank of Valletta plc u Nazzarena Busuttil ghan-nom ta’ l-*HSBC Home Loans;* ta’ l-24 ta’ Gunju 2003 fejn sar biss verbal u xehdet Catherine Fenech ghan-nom ta’ l-HSBC Bank Malta plc fejn gew esebiti diversi dokumenti ohra in konnessjoni ma’ l-istess depoziti minn fol. 406 sa fol. 525 tal-process. Fis-seduta ta’ l-14 ta’ Lulju 2003 regghet

xehdet Catherine Fenech u esebiet dokumenti ulterjuri minn fol. 527 sa fol. 547 tal-process.

Rat ir-rikors tal-Perit Legali datat 18 ta' Lulju 2003 fejn talab id-direttivi tal-Qorti rigward in-nomina tal-Perit Tekniku;

Rat id-digriet tal-21 ta' Lulju 2003 fejn il-Qorti cahdet it-talba tal-Perit Legali;

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 8 ta' Lulju 2003 fejn talab lill-Qorti tawtorizza lilu u lill-minuri sabiex jissottomettu ruhhom ghal *test* tad-*DNA*;

Rat id-digriet tad-19 ta' Awissu 2003 fejn il-Qorti cahdet it-talba a fol. 557 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta datat 1 ta' Ottubru 2003 fejn il-partijiet iddikjaraw il-provi taghhom maghluqa fejn Dr. Bernard Grech irrinunzja ghall-patroncinju tal-konvenut.

Rat in-nota ta' l-Avukati, Dr. Jason Azzopardi u Dr. Kris Busietta datata 17 ta' Ottubru 2003 fejn iddikjaraw li huma qed jassumu l-patrocinju tal-konvenut;

Rat il-verbali tas-seduta tat-22 ta' Ottubru 2003 fejn deher il-Perit Tekniku li halef ir-rapport;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku;

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 6 ta' Jannar 2004 fejn talab lill-Qorti sabiex isiru zewg seduti ohra quddiem il-Perit Legali sabiex iressaq xi provi ohra;

Rat id-digriet datat 9 ta' Jannar 2004 fejn il-Qorti laqghet it-talba sabiex iressaq il-provi tieghu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Frar 2004 fejn il-Perit Legali halef ir-rapport u fejn gie revokat *contrario imperio* d-digriet tad-9 ta' Jannar 2004 u giet michuda t-talba tal-konvenut fir-rikors tieghu tas-6 ta' Jannar 2004 anke

ghaliex lanqas sar tentattiv ta’ notifika ta’ l-istess digriet kif ordnat mill-Qorti diversament presjeduta.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali pprezentat fis-27 ta’ Jannar 2004;

Rat il-verbal tas-seduta datat 27 ta’ April 2004 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Gunju 2004, l-konvenut irrimetta ruhhu ghar-rapport hlief ghall-manteniment tat-tifla u fejn l-attrici ma qablitx li d-dejn tal-karozza li giet assenjata lill-konvenut jithallas mill-komunjoni u dwar l-kap ta’ l-ispejjez.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 6 ta’ April 2004 fejn talbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex jinhareg passaport ghall-minuri;

Rat id-digriet tas-6 ta’ Mejju 2004 fejn il-Qorti laqghet it-talba b’dan li l-minuri tista` ssiefer biss bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti;

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 12 ta’ Mejju 2004 fejn hija ddikjarat li tixtieq issiefer mal-minuri bejn id-19 ta’ Awissu 2004 u t-28 ta’ Awissu 2004;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi minkejja li bhala ragunijiet ghall-ottjeniment tal-firda personali, l-attirci tadduci fil-konfront tal-konvenut, zewgha, s-sevizzi, minacci u ngurju gravi, jirrizulta minn ezami ta’ l-atti processwali illi l-attrici naqset milli tipprova dan fil-grad rikjest mill-ligi. Huwa minnu illi fix-xhieda taghha moghtija permezz tal-procedura ta’ l-affidavit, in sostenn tat-talbiet taghha, l-attrici tadduci fil-konfront tal-konvenut diversi allegazzjonijiet, li pero` lkoll gew innegati mill-konvenut, u dan minbarra l-fatt illi l-attrici naqqset milli tressaq provi ulterjuri sabiex tissostanzja l-allegazzjonijiet taghha.

Illi ghandu jinghad b'mod generali illi x-xhieda tal-konvenut hija aktar kredibbli u verosimili ghar-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti fiz-zwieg taghhom. Hekk per ezempju minkejja l-allegazzjonijiet ta' qerq u ingann da parti l-konvenut u l-familjari tieghu fil-konfront ta' l-attrici ghal dak li jirrigwarda l-infezzjoni tal-*Hepatitis*, gie sodisfacentement ippruvat mill-konvenut, kemm permezz tax-xhieda tieghu kif ukoll mid-depozizzjoni ta' xhieda ohra u dokumenti pprezentati in sostenn, illi l-konvenut ma qarraqx bl-attrici, u l-attrici kienet taf ben tajjeb illi qabel iz-zwieg la l-konvenut u lanqas familjari tieghu ma kienu hekk infettati.

Illi similment, l-attrici tallega illi l-konvenut huwa hati ta' vjolenza fil-konfront taghha, izda lanqas dan ma gie fil-fehma tal-Qorti, ppruvat. Jigi nnotat illi l-attrici ma pproduciet l-ebda certifikat mediku, l-ebda rapport li hija setghet ghamlet mal-pulizija ezekuttiva u lanqas xhieda ohra li b'xi mod setghu jikkorroboraw l-allegazzjonijiet taghha. F'dan il-kuntest, il-konvenut jinnega illi huwa qatt irrenda ruhu hati ta' vjolenza fil-konfront ta' l-attrici martu, minkejja illi jiddeskrivi fid-dettal certi ncidenti, inkluz l-okkazzjoni meta l-konvenut kien qabad lill-attrici u l-minuri Iona fil-prezenza ta' Carmel Tabone in rispett ta' liema ncident l-konvenut jammetti illi f'idejh kellu *steering lock* izda jinnega li kien vjolenti fil-konfront ta' xi persuna prezenti waqt dan l-incident.

Illi da parti taghha, l-attrici, li ghandha l-oneru tal-prova ta' dak li tallega, naqset milli tipproduci bhala xhud lil Carmel Tabone li fic-cirkostanzi huwa prezunt li kien xhud okulari ta' l-allegat vjolenza perpetrata mill-konvenut.

Illi ghandu wkoll jittiehed in konsiderazzjoni l-fatt li l-attrici bl-ebda mod ma tadduci fil-konfront tal-konvenut xi mgieba persistenti li tikkwalifika taht il-kawzali tas-sevizzi, minacci u ingurji gravi fil-konfront taghha. Dan jinghad fid-dawl ta' gurisprudenza nostrana minn fejn jirrizulta b'mod pacifiku illi n-natura ta' dawn is-sevizzi, minacci u ngurji gravi sabiex ikunu detrimentali ghandhom ikunu tali *"da violare profondamente i riguardi della convivenza*

*coniugale"* (Vol.XXVI P.II p.110) … *"joffendu l-persuna li kontra taghha huma diretti b'mod li jiggeneraw dulur, ezacerbazzjoni u avversjoni profonda kontra l-konjugi li jkun hati taghhom" (Vol. XXXI P.I p.2000).*

Illi fil-fatt gie konsistentement ritenut fil-gurisprdenza nostrali li *"l-kwistjoni hi wahda ta' fatt imhollija fil-valutazzjoni ta' min irid jiggudika, izda meta jirrizultaw ghandhom indubbjament jifformaw motiv ta' separazzjoni in kwantu jirrendu l-konvivenza komuni difficli"* **("Mary Grace Mallia vs Alfred Mallia" –** P.A. (RCP) 26 ta' Marzu 2003*),* u ghalhekk huma mhollija ghas-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom (**"Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud"** P.A. 30 ta' Gunju 1961).

Illi ghaldaqstant, fl-opinjoni tal-Qorti, l-attrici naqset milli ggib prova fil-grad li titlob il-Ligi ghal dak li jirrigwarda l-allegazzjonijiet li fuqhom hija qeghda tibbaza t-talba ghall-firda personali, u l-pronunzjament tas-separazzjoni ma ghandiex tintlaqa' fuq it-talbiet ta' l-attrici kif dedotti fic-citazzjoni.
Da parti tieghu, u kif jirrizulta minn nota ta' l-eccezzjonijiet, il-konvenut jaqbel illi ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejnu u bejn martu l-attrici, izda dan ghal ragunijiet imputabbli lill-attrici martu. Illi minn fost ir-ragunijiet elenkati fl-**artikoli 38** *et seq.* **tal-Kap. 16**, l-unika tort imputabbli lill-attrici li abbazi taghha l-konvenut jghid li ghanda tigi ddikjarata s-separazzjoni hija l-allegat adulterju da parti ta' l-attrici. Dan minkejja l-fatt li jirrizulta b'mod ampju mill-atti processwali illi l-attrici hija hatja ta' ngurji gravi fil-konfront tal-konvenut, specjalment *in vista* tat-tghajjir bid-demm tal-konvenut u l-familjari tieghu, u dan in rispett ta' l-infezzjoni tal-*Hepatits* li l-konvenut u xi familjari tieghu kienu jbatu minn, liema allegazzjonijiet mhux talli ma gewx provati mill-attrici izda gew zmentiti u michuda b'dokumenti approprji, kif ukoll abbazi tan-nuqqas ta' prova ta' dak li tallega l-attrici fic-citazzjoni taghha nkluzi s-sevizzi, l-minacci u l-ingurji gravi da parti tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici, liema akkuzi huma wkoll zmentiti u ribattuti mill-konvenut u li dwarhom ma ngiebet l-ebda prova sodisfacenti.

Illi l-kovenut xehed fit-tul fl-affidavit tieghu rigwardanti l-allegat adulterju da parti ta' l-attrici. Ghalhekk huwa jghid li Carmel Tabone, il-persuna ma' minn l-attrici allegatament irrendiet ruha hajta ta' adulterju, kien bhal l-attrici impjegat fil-fabbrika ST Microelecronics. Izid jghid illi bejn l-attrici u Carmel Tabone kienu jigu skambjati diversi telefonati, u f'dan ir-rigward il-konvenut ipprezenta ghadd ta' dokumenti konsistenti f'kontijiet mahruga mis-socjeta' Maltacom plc li jindikaw it-telefonati li saru mill-attrici mit-telefon tad-dar matrimonjali ghan-numri 0945 3383 u 0977163, li, skond il-konvenut f'xi zmien kienu jappartenjenu lil Carmel Tabone (fol. 179, 181, 185, 192, 198, 200). Izda l-Qorti ma jistax jonqos milli josserva illi Dr. Claire Cassar, li xehdet in rapprezentanza ta' Vodafone Malta Ltd., ma setghetx tikkonferma jekk effetivament dawn in-numri kienux f'xi zmien verament jappartjenu lil Carmel Tabone. Lanqas ma gie prodott bhala xhud ghall-konferma ta' dawn l-allegazzjonijiet Carmel Tabone.

Il-konvenut jispjega ukoll illi huwa gieli qabad lill-attrici f'gideb ghal dak li jirrigwarda l-postijiet li hija kienet allegatament tkun fihom. Ghalhekk jispjega kif f'okkazjoni wahda huwa kien cempel lill-attrici li qaltlu li kienet qeghda Bugibba izda li meta hu ddecieda li jmur Bugibba biex isegwi l-movimenti taghha skopra, hu u ghaddej minn Bahar ic-Caghaq, illi l-attrici kienet fil-kumpanija tal-minuri u Carmel Tabone f'Bahar ic-Caghaq. Jghid ukoll il-konvenut illi darba minnhom huwa ssemma konversazzjoni bejn l-attrici u Carmel Tabone, u li huwa kien anke ntervjena u talab lil Carmel Tabone sabiex lil martu jhalliha bi kwieta. Jispjega wkoll kif darba sab fil-pussess ta' l-attrici d-dokument a fol. 143, u jifhem illi l-attrici, minkejja li hija kienet tarrfitlu li kienet ser issiefer ghal xi jiem, Catania, kienet effetivament marret Londra ma' Carmel Tabone u xi persuni ohra. Ic-cirkostanzi strambi tal-kaz kif deskritti mill-konvenut, inkluz il-fatt li l-attrici telqet dritt lejn l-ajruport minghajr ma resqet lejn id-dar matrimonjali, li rritornat Malta diversi sighat qabel il-hin li hija kienet indikat lill-konvenut u l-allegazzjoni da parti ta' l-attrici li kienet tilfet il-passaport – dokument li kien jipprovdi lill-konvenut bi prova ulterjuri in sostenn ta' l-

allegazzjonijiet tieghu – huma kollha indizzji illi l-istorja ta' l-attrici mhijiex veritiera. Dan kollu l-attrici tonqos milli taghmel referenza ghalih, ghalkemm ghandu jinghad illi l-konvenut seta' ressaq provi hafna aktar konkreti minn dawk li ressaq, inkluz billi jipproduci bhala xhieda il-linja ta' l-ajru relattiva, kif ukoll ufficjali mill-ufficju ta' l-immigrazzjoni, li huwa naqas milli jaghmel sabiex jissodisfa d-dettami ta' l-**artikolu 559 tal-Kap.12**.

Illi l-konvenut da parti tieghu nkariga wkoll investigatur privat sabiex jottjeni provi konkreti ta' almenu l-hbiberija li kienet tezizti bejn l-attrici u Carmel Tabone, u in segwitu l-konvenut esebixxa *video cassette* (a fol. 279) li fih jidhru l-attrici kif ukoll ragel u tifla li ghalkemm m'humiex maghrufin lill-Qorti, l-konvenut jghid li huma l-minuri Iona u Carmel Tabone. F'dawn ix-xeni jidhru l-attrici u dan ir-ragel rekbin flimkien fil-karozza, kif ukoll dehlin u hergin minn go appartament li allegatament huwa post il-Qajjenza u li huwa ndikat mill-konvenut bhala Flat 61, fi Triq l-Ghannejja, il-Qajjenza, B'Bugia (a fol.86).

Illi l-konvenut iqajjem anke diversi dubji dwar il-paternita' tat-tifla minuri li twieldet fiz-zwieg, u cjoe`, Iona. Huwa jispjega illi minn ftit xhur wara t-tieg, l-attrici kienet tirrifjutah sesswalment, u dan bl-iskuza illi ma kienx il-waqt li tohrog tqila fi zmien daqshekk bikri. Izda l-konvenut jirrakkonta wkoll illi darba fost l-ohrajn l-attrici ghafsitu mieghu bl-intiza li jikkoncepixxu, u jispjega illi dan ghamlitu bi skop propju ghaliex, allegatament, l-attrici kienet gia harget tqila minn terza persuna. Evidentement dawn l-allegazzjoniet m'humiex korroborati u ppruvati u lanqas huma mertu ta' din il-kawza, salv ghal dak li jirrigwardaw l-allegazzjonijiet ta' adulterju.

Illi huwa wkoll osservat illi da parti taghha l-attrici ma cahditx tali allegazzjonijiet. Mandanakollu, mill-kumpess tal-provi prodotti, anke jekk il-fatt ta' l-adulterju ma' jistax jinghad li gie ppruvat konklussivament, jezistu provi bastanti li jwasslu ghall-fatti kostitwenti ngurji gravi.

Illi kif tinsenja din il-Qorti diversament preseduta, tali provi *"jassumu l-karattru tal-gravita` ta' dawn l-istess ingurji …*

*b'referenza ghall-fatt li l-konvenut kien gie akkostat fil-kumpanija tal-persuna imsemmija izda wkoll minhabba raguni ohra",* inkluz il-fatt li l-attrici allontanat ruhha mid-dar matrimonjali u ssistemat ruhha f'post iehor, u dan taht il-pretensjoni illi l-hajja fid-dar matrimonjali, senjatament minhabba l-allegat glied u minacci da parti tal-konvenut, ma kenetx aktar sopportabbli.

Illi mill-provi migjuba mill-konvenut, il-Qorti taqbel ma' l-opinjoni tal-bravu Perit Legali li l-konvenut ipprova b'mod sodisfacenti l-hbiberija ta' l-attrici mal-persuna msemmija, izda dan wahdu ma jfissirx illi l-konvenut irrenxxilu jipprova l-allegat adulterju. Hawn l-Qorti jistrieh fuq l-insenjament ta' din il-Qorti fejn inghad illi: *"L-adulterju allegat mill-konvenuta fil-konfront ta' l-attur ma giex pruvat fl-opinjoni ta' din il-Qorti ghalkemm jirrizulta li kien hemm xi forma ta' hbiberija ma' terza persuna li dan fih innifsu jammonta ghal ingurja gravi"* (**"Paul Farrugia v. Adriana Farrugia et"** – P.A. (RCP) 15 ta' Mejju 2003). Din il-Qorti pero` rriteniet ghal diversi drabi illi minhabba d-diffikulta' tal-prova *'de visu'* tal-kongungimenti karnali, l-adulterju jista' jigi nferit minn indizji u prezunzjonijiet gravi bhal ma huma l-istat ta' konkubinat (**"Virginia Fenech vs Avukat Dr. Giuseppe Borg Olivier et noe."** P.A. 7 ta' Settembru 1994). Din il-Qorti wkoll esprimiet il-fehma illi rigward l-allegazzjoni serja ta' l-adulterju iridu jingiebu provi pjuttost sodi u ghalhekk illi, ghalkemm kif gia inghad il-prova okulari ta' l-adulterju hija wahda difficli, minn naha l-ohra punt bhal dan ma ghandux jigi deciz semplicement b'impressjoni, l-agir u l-karattru ta' xi parti (**"A vs B"** 16 ta' Marzu 1990 Onor. Imhallef Dr. Franco Depasquale). Din il-Qorti ghalhekk irriteniet in succint illi l-adulterju *"hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawotirzza s-separazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita din l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u l-gurisprudenxza li l-adulterju jista' jigi pruvat permezz ta' indizji u presunzjonijiet, purche dawn ikunu gravi, precizi u konkordati, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika"* (**"Rose Gauci vs Salvatore Gauci"** P.A. (RCP) - 1 ta' Ottubru 2002).

Illi fil-fehma tal-Qorti u *in vista* tas-suespost, ghalkemm, kif gia intqal, il-konvenut ressaq provi bizzejjed sabiex jipprova certu hbiberija bejn l-attrici u terza persuna tas-sess maskili, l-adulterju ma giex pruvat mill-konvenut u dan abbazi ta’ nuqqas ta’ provi sodisfacenti. Kif gia gie nnotat, l-konvenut kellu l-fakolta’ li jressaq izjed xhieda f’dawn il-proceduri li setghu b’xi mod isahhu l-indizzji ta’ adulterju izda minkejja dan huwa naqas milli jressaq tali xhieda, inkluz, *inter alia*, in-nuqqas tal-konvenut li jipproduci bhala xhud lill-istess attrici, u dan skond id-dettami tal-ligi li tirrikjedi l-produzzjoni ta’ l-ahjar prova (ara **artikolu 599 Kap.16).**

Illi ghalhekk abbazi tal-premess l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha biss ghar-ragunijiet imputabbli lill-attrici minhabba ingurji gravi fil-konfront ta’ l-istess konvenut bil-mod kif fuq premess.

Illi ghal dak li jirrigwarda kura u kustodja tal-minuri, Iona, jigi osservat illi l-minuri *ormai* ilha tghix ma’ l-attrici allontanata mid-dar matrimonjali ghal certu zmien filwaqt illi ghal dak li jirrigwarda x-xoljimenti u d-divizjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, jigi osservat illi l-attrici zbankat mill-kont bankarju tat-tip, *Fixed Deposit,* bin-numru 13 *712 3665* is-somma ta’ elfejn, tliet mija u sitta u disghin lira Maltija u tmienja u erbghin centezmu (Lm 2,396.48) u s-somma ta’ somma ta’ elf, mitejn u erbatax-il lira Maltija u tnejn u sittin centezmu (Lm1,214.62) mizmuma f’*Bearer Account* bin-numru 173 192 33014. Jigi osservat ulterjorment illi kienet l-attrici li allontanat ruhha mid-dar matrimonjali, u kif jirrizulta, minghajr ragunijiet validi, filwaqt li da parti tieghu, il-konvenut baqa’ kontinwament jirrisjedi fid-dar matrimonjali fil-mori ta’ din il-kawza.

Illi jirrizulta wkoll illi l-vettura tal-marka VolksWagen Polo bin-numru tar-registrazzjoni GAO473 thallset minn flus appartenenti lill-komunjoni ta’ l-akkwisti hekk kif prova b’mod sodisfacenti l-konvenut u kif jindikaw il-pagamenti relattivi li dwarhom xehdet rapprezentanta ta’ bank kummercjali u ulterjorment illi tali vettura llum tinsab imhallsa fl-intier taghha, u li ghaldaqstant l-allegazzjonijiet prezenti ta’ l-attrici huma ntizi sempliciment sabiex l-attrici

teludi d-drittijiet tal-konvenut. Illi minn naha l-ohra jonqos debitu x'jithallas fir-rigward tal-vettura tat-tip, Fiat Punto.

Illi fl-ahharnett, issir referenza ghall-perijza teknika minn fejn jirrizulta illi d-dar matrimonjali ghandha valur ta' erbghin elf lira Maltija (Lm40,000) filwaqt li l-garaxx ghandu valur ta' hamest elef lira Maltija (Lm5,000). Dan iz-zewg propjetajiet immobbli jappartjenu lill-komunjoni ta' l-akkwisti.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss in kwantu l-istess huma kompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa` t-talbiet attrici** bis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici billi tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti biss fis-sens li l-istess firda personali giet ikkawzata minhabba l-agir ta' l-istess attrici li rrendiet ruhha hatja *verso* l-konvenut ta' ingurji gravi u wkoll ghaliex kawza ta' l-istess z-zwieg tkisser irrimedjabilment.

2. Tilqa' t-tieni talba billi tafda l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri, Iona, f'idejn l-attrici, bi dritt ta' access ghall-konvenut ta' darba fil-gimgha ghal siegha kull darba, u taht supervizjoni ta' l-Agenzija Appogg, li ghandha tistabbilixxi l-gurnata u l-hin ta' tali access wara konsultazzjoni maz-zewg partijiet, u dan sabiex ma jinqatax il-kuntatt ta' l-istess minuri mal-konvenut, b'dan li l-konvenut ghandu fi zmien 10 t'ijiem mid-data ta' din is-sentenza jinforma formalment u bil-miktub lill-istess Agenzija Appogg u lill-attrici jekk hux behsiebu jezercita dan id-dritt ta' access lilu moghti permezz ta' din id-decizjoni.

3. Tichad it-tielat talba in parti, u senjatament ghal dak li jirriwgarda t-talba ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' manteniment lill-martu l-attrici *stante* illi l-attrici ghandha ntrojtu taghha u tilqaghha in parti fis-sens illi l-konvenut qed jigi kkundannat ihallas bhala manteniment

ghall-minuri, Iona, s-somma ta’ hamsa u sebghin lira Maltin (Lm75) fix-xahar, dan tenut in konsiderazzjoni l-fatt illi l-attrici wkoll ghandha ntrojtu u ghaldaqstant obbligata hija wkoll tikkontribwixxi ghall-manteniment tal-minuri. Tali manteniment ghandu jitnaqqas direttament mill-paga ta’ l-istess konvenut mill-*employer* tieghu u mibghuta lill-attrici ghan-nom tal-minuri fir-residenza taghha kull xahar bil-quddiem, b’effett mid-data ta’ din is-sentenza, u ghalhekk tordna lill-attrici sabiex a spejjez taghha tinnotifika kopja legali ta’ din is-sentenza lill-istess *employer* tal-konvenut.

4. Tilqa’ r-raba’ talba u dan billi tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti b’effett mid-data ta’ din is-sentenza u filwaqt li tordna il-bejgh in subbasta tal-propjeta’ immobbli formanti parti l-istess komunjoni u senjatament il-garaxx internament immarkat bin-numru hamsa (5) f’kumpless ta’ garaxxijiet fi Triq is-Salib Hal Ghaxaq u d-dar matrimonjali u cjoe` St. Joseph, Gudja Road, Hal Ghaxaq, u dan tenut kont illi fic-cirkostanzi l-istess propjeta’ m’hijiex komodament divizibbli bejn il-partijiet, b’dan li mir-rikavat ta’ l-istess bejgh l-ewwel ghandhom isiru l-hlasijiet u prelevamenti ndikati f’din is-sentenza u wara l-istess bilanc mir-rikavat tal-bejgh ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet b’dan ghalhekk li qed issr il-prezenti assenjazzjoni u divizjoni bejn il-partijiet ta’ l-oggetti kollha formanti l-komunjoni ta’ l-akkwisti.

Illi ghalhekk qed jigi assenjat lill-attrici a saldu ta’ sehemha mill-komunjoni ta’ l-akkwisti is-segwenti:-

a. Id-depoziti fill-kontijiet bankarkji intestati f’isem l-attrici u cjoe` :

i. Kont tat-tip *Savings Account* mizmum fil-fergha ta’ HSBC Bank Malta plc, Paola bin-numru 013 015 532 051;

ii. Kont tat-tip *Savings Account* mizmum fil-fergha ta’ HSBC Bank Malta plc bin-numru 050 056 712 050;

iii. Kont bankarju tat-tip *Current Account* 013 015532 050 mizmum fil-fergha ta’ HSBC Bank Malta plc;

iv. Nofs ir-rikavat mill-bejgh in subbasta ta’ l-istess propjetajiet immobbli, b’dan pero` illi mir-rikavat ghandu l-ewwel jithallas kull debitu gravanti l-istess propjetajiet mal-bank jew banek indikati, d-debitu fir-rigward tal-vettura tat-tip Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni DBG114, kif ukoll is-somma ta’ elf lira Maltin (Lm1,000) lill-konvenut, Mario Micallef, rapprezentanti s-somma li l-istess konvenut kien hallas fuq il-konvenju tad-dar matrimonjali;

Illi minn naha l-ohra tassenja lill-konvenut a saldu ta’ sehmu mill-komunjoni ta’ l-akkwisti:

a. Il-vettura tal-marka Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni DBG114;

b. Id-depoziti bankarji kollha ntestati f’isem l-konvenut u cjoe` :

i. Kont bankarju tat-tip *Savings* bin-numru 0504 618 059 mizmum fil-fergha ta’ l-HSBC Bank Malta plc ta’ Hal Luqa;

ii. Kont mizmum fil-fergha tal-Bank of Valletta plc ta’ Bir id-Deheb li jgib in-numru 111-0069501;

iii. Kont mizmum fil-fergha ta’ Bank of Valletta plc taz-Zurrieq li jgib in-numru 179-0603001-5;

c. Nofs ir-rikavat mill-bejgh in subbasta ta’ l-istess propjetajiet immobbli, b’dan pero illi mir-rikavat ghandu l-ewwel jithallas, kif inghad kull debitu gravanti ta’ l-istess propjetajiet u d-debitu fir-rigward tal-vettura tat-tip Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni DBG114, kif ukoll is-somma ta’ elf lira Maltin (Lm1,000) lill-konvenut, Mario Micallef, rapprezentanti s-somma li l-istess konvenut kien hallas fuq il-konvenju tad-dar matrimonjali imsemmija aktar ‘l isfel;

d. Is-somma ta’ elf lira Maltin (Lm1,000) li ghandha tithallas mir-rikavat tal-bejgh in subbasta tal-propjetajiet immobbli deskritti (li ovvjament hija ndikata iktar ‘il fuq fl-istess sentenza b’dan li mir-rikavat tal-bejgh l-konvenut

jiehu l-ewwel is-somma ta’ elf lira Maltija (Lm1,000) (ghal darba wahda biss) u wara li jithallsu d-debiti fuq indikati, r-rikavat jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

5. Tilqa’ l-hames talba u tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ ghoxrin gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jirritorna lill-attrici l-*appliances* mixtrija minghand Aplan Limited, il-*washing machine* tal-marka Candy kif ukoll l-ornamenti mixtrija minghand Alka Ceramics u fin-nuqqas ihallas il-valur taghhom kif indikat mill-attrici mix-xhieda u dokumenti minnha esebiti.

6. Tichad is-sitt talba *stante* nuqqas ta’ prova sufficjenti sabiex jigu applikati tali dispozizzjonijiet kontra l-konvenut, b’dan li ghandhom jigu minflok applikati fil-konfront ta’ l-istess attrici id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48** *in toto* b’effett mid-data ta’ din is-sentenza.

Illi tenut kont il-konsiderazzjonijiet hawn fuq imsemmijja, l-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------